**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 38 – IT-TLIETA, 22 TA’ AWWISSU 2017 FIS-7.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousu | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | | |
| | Alfred Mangion | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 31**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. F’paragrafu 2.2 għandha tinbidel ‘’Triq il-Ġojjin’’ minflok ‘’Triq il-Fikus’’. Dr Frank Bartolo ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti Numru 31**

2.1 Kien hemm diskuzzjoni rigward l-istemma proponuta. Din għandha tiġi kkorreġuta u terġa’ tintbagħat.

**3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-applikazzjoni għal Knisja Ortodossa fi Triq Wied Għollieqa. Ġie innutat id-diversi oġġezzjonijiet mir-residenti tal-inħawi kif ukoll minn Nature Trust li jieħdu ħsieb Wied Għollieqa. Ġie deċiż li jintalab parir mill-Perit tal-Kunsill jekk hemm bażi li l-Kumitat jagħmel oġġezzjoni formali lil PA.

3.2 Kien hemm diskussjoni wkoll rigward applikazzjoni fi Triq tas-Sliema biex iċ-Chiswick School jagħmlu użu ta' propjetà fi Triq tas-Sliema. Kien hemm qbil li ma jsirx oġġezzjoni fuq din.

**4 Affarjiet oħra**

4.1 Kien hemm qbil li jsir bring in site tal-ħwejjeg fi Triq il-Pitirros mal-ġnien. Kien hemm qbil ukoll li jsir bicycle rack fi Triq Antonio Schembri mal-ġnien għal użu pubbliku.

4.2 Ġie innutat ilmenti fuq għalqa fi Triq tas-Sliema. Il-Kumitat ġie nfurmat li tas-sanità ġew u amministraw velenu tal-ġrieden. Għandu jsir rapport ukoll lis-sanità fejn jiġu rrappurtati s-sidien tal-għalqa skont informazzjoni li għandu l-Kumitat.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward il-possibilità li jiġu shifted il-parking bays fi Triq il-Kuċċard biex jigi akkomodati aktar parkeġġi. Għandha ssir laqgħa ma' TM fuq il-post.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Settembru 2017 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**